**15 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

John Axiak f'ismu *proprio* u l-istess John Axiak u Mary Axiak fil-kwalita taghhom ta' leġittimi rappreżentanti ta' binthom minorenni Claire Marie Axiak għan-nom, fl-interess u in rappreżentanza ta' l-istess kif ammessi għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali skond digriet nru. 17/95

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

## Kunjom - Att ta' Twelid - Korrezzjoni fi

*L-attur talab u ottjena korrezzjoni fil-kunjom fl-Att tat-Twelid tiegħu u f'dak ta' wild tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata mill-attur *proprio et nomine* fid-9 ta' Jannar, 1996 fejn ippremetta:

Illi l-attur John Axiak twieled fil-31 ta' Marzu, 1960, bin Carmel Axiak u Salvina Axiak kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu nru. 2310/1960 hawn anness bħala Dokument Y;

Illi pero` jirriżulta li fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tiegu nru. *1355/1991 sar żball bil-mod kif inhu miktub l-istess kunjom* "Axiak" billi fil-kolonna "Isem u Kunjom - ir-Raġel" tali kunjom ġie erronjament indikat bħala "Carmel Axiaq";

Illi minħabba l-istess żball fuq indikat fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri Claire Marie Axiak, (Bint l-itess John u Mary Axiak), nru. *4520/92 reġa' issussista l-istess żball fis-sens li* fil-kolonna "Isem u Kunjom - Missier it-tarbija" l-attur ġie erronjament indikat bħala "John Axiaq" u fl-istess kolonna

pero` "Isem u Kunjom - l-*Omm*" ġie deskritt bħala "Mary wife of the said John Axiaq" l-istess sar fil-kolonna "Isem u Kunjom il-missier u jekk ħaj jew mejjet", fejn in-nannu tal-minuri ġie indikat erronjament bħala "Carmelo Axiaq" u dan meta fiċ-ċirkostanzi kollha l-kunjom korrett *kellu jitniżżel bħala* "Axiak";

Illi għalhekk l-attur John Axiak u l-*minuri* claire Marie Axiak iridu li jirregolaw il-posizzjoni rispettiva tagħhom u li għalhekk isiru il-korrezzjonijiet appositi ta' l-*iżbalji* erronjament indikati fiċ-ċertifikati taż-żwieġ ta' l-istess John Axiak u fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri;

Talbu li għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex tordna, *tawtorizza u* tiddikjara li:

Illi l-attur John Axiak li twieled fil-31 ta' Marzu, 1960 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu nru. 2310/1960 huwa kunjomu "Axiak" stante li huwa bin Carmel u Salvina konjuġi Axiak u għalhekk l-istess kunjom ġie indikat ħażin fiċ-ċertifikat tiegħu taż-żwieġ *nru.* 1355/1991 *fis-sens li l-kunjom tiegħu ġie* miktub ħażin peress li minflok "Axiak" ġie indikat bħala "Axiaq" u dan fil-kolonna "Isem u kunjom ir-Raġel" fejn ġie indikat bħala "John Axiaq" minflok "John Axiak" u fil-kolonna "Missirijiet u ommijiet l-għarajjes - l-isem u l-kunjom jekk ħajjin jew mejtin" fejn isem *missieru* ġie indikat bħala "Carmel Axiaq" minflok "Carmel Axiak";

Illi konsegwentement in vista tal-premess u minħabba l-istess żball jiġi ddikjarat li l-istess minuri Claire Marie Axiak minflok bint John u Mary Axiak ġie ddikjarat fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha nru. 4520/1992 u dan fil-kolonna "Isem u Kunjom missier it-tarbija" l-isem ta' John Axiaq u *fil-kolonna*

"Isem u Kunjom - l-omm" ġie indikat "Mary wife of the said John Axiaq" minflok il-kunjom "Axiak" u l-istess fil-kolonna "Isem u Kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" (innannu) tniżżel "Carmelo Axiaq" minflok "Carmel Axiak";

Konsegwentement għall-ewwel żewġ domandi ta' din iċċitazzjoni li jsiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji sabiex:

Fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' l-attur John Axiak taħt innomenklatura "Isem u Kunjom ir-Raġel" minflok il-kunjom "Axiaq" jiġi indikat dak korrett ta' "Axiak" u l-istess filkolonna "Missijier u ommijiet l-għarajjes - l-isem u kunjom jekk ħajjin jew mejtin" minflok "Carmel Axiaq" jiġi indikat u korrett għal "Carmel Axiak";

Illi fiċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Claire Marie Axiak nru. 4520/1992 taħt in-nomenklatura "Isem u kunjom - missier ittarbija" minflok "John Axiaq" kif erronjament indikat jiġi minflok sostitwit bil-kliem "John Axiak" u l-itess taħt innomenklatura "Isem u Kunjom - l-omm" minflok "Mary wife of the said John Axiaq" jiġi sostitwit bil-kunjom "Axiak"; u listess taħt in-nomenklatura "Isem u Kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" fejn minflok il-kliem "Carmelo Axiaq" jiġi sostitwit bil-kunjom "Axiak";

B'dan għalhekk li fiċ-ċirkostanzi kollha fejn l-istess kunjom ġie indikat erronjament bħala "Axiaq" jiġi minflok korrettement indikat bil-kunjom "Axiak";

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu u l-lista taxxhieda;*

Rat id-dokumenti minnu esebiti;

Rat il-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern numru 16227 tat-30 ta' Jannar, 1996;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku pprezentata fis-6 ta' Ġunju, 1996 li biha jeċċepixxi:

Illi sabiex tkun tista tiġi akkolta t-talba ta' l-attur għall-korrezzjoni ta' kunjom il-familja tiegħu kif miktub fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu u fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintu huwa neċessarju illi jiġi esebit iċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier l-attur, li minnu għandu jirriżulta l-kunjom kif għandu jiġi miktub;

Illi fi kwalunkwe każ l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet oħrajn;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu u l-lista tax-xhieda;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta t' l-4 ta' Lulju, 1996 il-Qorti innominat lill-Assistenta Ġudizzjarja Dottoressa Monika Borg Galea biex tiġbor il-provi;

Hija żammet seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 1996 fejn xehed l-attur John Axiak li hekk qal:

"Nikkonferma d-dikjarazzjoni ppreżentata minni maċ-ċitazzjoni li għada kemm inqratli u nikkonferma li kunjomi huwa Axiak u dejjem hekk ktibtu. Jiena kont insib diffikolta peress li ċ-ċertifikat li semmejt fid-dikjarazzjoni tiegħi kienu jinkitbuli bil-"Q"; kienu jġegħluni niffirma bil-"Q";

Missieri dejjem iffirma Axiak u mhux Axiaq. Għandi ngħid li l-ewwel wild Claire Marie sar l-istess żball kif sar fil-konfront tiegħi, kunjomha ġie mniżżel bil-"Q" mentri fir-rigward tat-tieni wild Daniel il-kunjom ġie mniżżel korrettement;

Jidher li l-iżball sar fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tiegħi meta ma baqax jiġi segwit kunjomi kif indikat fl-Att tat-Twelid u minflok tniżżel Axiaq u b'hekk wirtet l-istess problema binti attriċi tal-kawża";

F'din is-seduta ġie ddikjarat li l-attur ma kellux provi oħra filwaqt li l-konvenut irrimetta ruħu għall-provi;

Minn din ix-xhieda ta' l-attur kif ukoll id-dokumenti minnu esebiti jidher biċ-ċar illi kunjom l-attur kif ukoll kunjom bintu tniżżlu bħala Axiaq bi żball; mentri kellhom jinżlu bħala Axiak;

Tilqa' għalhekk id-domandi attriċi u tordna illi fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ ta' l-attur John Axiaq taħt in-nomenklatura isem u kunjom ir-raġel minflok kunjom Axiaq jiġi indikat dak korrett ta' Axiak; u l-istess fil-kolonna "Missierijiet u ommijiet l-għarajjes - Isem u Kunjom jew jekk ħajjin jew mejtin" minflok Carmel Axiaq jiġi indikat korrett "Carmel Axiak" kif ukoll tordna li jiġi korrett ċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Claire Marie Axiaq numru 4520/1992 fejn taħt in-nomenklatura isem u kunjom it-tarbija minflok John Axiaq kif erronjament indikat

jiġi minflok sostitwit bil-kliem "John Axiak" u l-istess taħt in-nomenklatura Isem u Kunjom l-*omm minflok* "Mary wife of the said John Axiaq" jiġi sostitwit il-kunjom "Axiak" u l-istess taħt in-nomenklatura "Isem u *Kunjom il-missier* u jekk hux ħaj jew mejjet" fejn minflok il-kliem "Carmelo Axiaq" jiġi sostitwit il-kunjom "Axiak";

B'dan għalhekk *li* fiċ-ċirkostanzi kollha fejn l-istess kunjom ġie indikat erronjament bħala Axiaq jiġi minflok korrettement *indikat* bħala "Axiak";

Stante n-natura tal-każ, pero`, l-Qorti *jidhrilha li l-ispejjeż* ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi, peress li ma ġiet ippruvata ebda ħtija ta' l-istess konvenut.